MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 66/2005

**Seduta ta' nhar t-Tlieta, 16 ta' Ottubru 2007.**

**Avviz Numru 66/2005**

**Middlesea Insurance p.l.c**
**(C5553)**
**V**
**Primrose Poultry Products Limited (1806)**

**Il-Qorti:-**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u tletin centezmu (LM3,564.30) rapprezentanti *premium* u boll minnha dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq ordni tas-socjeta konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata tlieta ta' Settembru 2004 kontra s-socjeta konvenuta, li r-rapprezentanti taghha huma ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda fis-sens li skond is-socjeta konvenuta l-bilanc dovut lis-socjeta attrici huwa dak ta' elf disgha mija u tmintax-il lira u sebgha u tmenin centezmu Maltin (LM1918.87).

2. Dan qed jinghad minghajr pregudizju ghad-drittijiet tas-socjeta konvenuta kontra dik attrici dwar *claim* li ilha miftuha mis-sena 1993 u li qed tistenna ezitu ta' kawza quddiem dawn il-Qrati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rose Desira,** prodotta mis-socjeta attrici xehdet nhar is-sittax ta' Gunju 2005 u spjegat li hija tahdem bhala *accounts clerk* mas-socjeta attrici. Ikkonfermat illi s-socjeta attrici kienet harget tlett poloz ta' assikurazzjoni separati u dan fis-sena 2002, li jirriferu ghal '*fire and theft and deterioration of stock'.* Fuq polza minnhom il-*'premium'* kien ta' mitejn tmienja u hamsin lira Maltin (LM258), fuq ohra kien ta' elfejn mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (LM2,128) u fuq l-ohra kien ta' mija hamsa u sittin lira Maltin (LM165). Dawn il-poloz sussegwentement kienu gew rinovati ghas-sena 2003 izda minhabba xi varjazzjoni fil-valuri tal-*premiums* gew ridotti u ghas-sena ta' wara hlief u b'eccezzjoni ghal polza fejn il-*premium* kien ta' mitejn u tmeinja u hamsin lira u hamsin centesmu (LM258.50) li baqghet l-istess l-ohrajn gew ridotti ghas-somma ta' elf mitejn tlieta u ghoxrin lira u tmenin centezmu Maltin (LM1,223.80) u l-ohra ghall-tletin lira Maltin (LM30).

Spjegat illi fl-ewwel ta'April 2004 sar pagament wiehed biss u l-bilanc dovut fuq dawn l-istess poloz kien jammonta ghal tlett elef, hames mija erbgha u sittin lira u

tletin centezmu Maltin (LM3,564.30) skond kif mitlub mis-socjeta attrici fl-avviz. Hija esbiet *statement* dettaljat ta' l-ammonti dovuti li gie markat bhala dokument RD 1. Hija esibiet ukoll kopja ta' l-*invoices* illi ntbaghtu lis-socjeta konvenuta li gew markati bhala dokumenti RD 2 sa RD 8. Ikkonfermat li minn meta nfethet il-kawza odjerna sa dakinhar meta xehdet ma sar l-ebda pagament mis-socjeta konvenuta.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006 is-socjeta konvenuta eccepiet ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ghal dak li jirrigwarda is-somma ta' elf sitt mija hamsa u erbghin lira Maltin (LM1645).

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006 xehdet **Karen Aquilina** prodotta mis-socjeta konvenuta u stqarret li hija tiehu hsieb l-*accounts* tas-socjeta konvenuta, pero stqarret li qabel kien jiehu hsieb missierha, li illum huwa mejjet u ghalhekk xehdet minn dak li rrizultalha mir-*records* li sabet. Spjegat li qabel is-sena 1992 is-socjeta konvenuta kellha polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta attrici u a bazi ta' din il-polza s-socjeta konventa kienet ghamlet *claim* mas-socjeta attrici ghas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u erbghin lira (LM1,645) fuq xi hsara li kellha fil-proprjeta assikurata maghha minhabba xi perkolazzjoni ta' ilma. Hija esibiet l-ittra relattiva bid-dokumenti kollha li flimkien gew markati bhala dokument KA 1.

Irrizulta pero li s-socjeta attrici pero ma rrikonoxxewx li saret din il-*claim* anzi qalu li qatt ma ghamlu tali *claim* u ghalhekk is-socjeta konvenuta qatt ma giet kreditata bl-ammont pretiz minnha fil-*claim* u cioe bl-ammont ta' elf sitt mija hamsa u erbghin lira Maltin (LM1645). Stqarret li apparti din is-somma flus, s-socjeta konvenuta dejjem hallset kull kont iehor li gie mibghut lilha f'dan ir-rigward mis-socjeta attrici.

Illi permezz ta' nota prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2006 is-socjeta konvenuta pprezentat numru ta' dokumenti li gew markati

bhala dokument KA 1 sa KA 4 liema ittri huma l-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjetajiet kontendenti dwar il-*claim* tas-socjeta konvenuta u kopja tal-*internal records* tas-socjeta konvenuta li tindika li s-socjeta konvenuta qatt ma accettat li thallas is-somma ta' LM1645 lis-socjeta attrici sa mis-sena 1996 u li fil-fatt kienet ittrasferit din is-somma internament bhala kreditu taghha mas-socjeta attrici.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 xehdet **Rose Desira** prodotta mis-socjeta attrici u stqarret li fl-14 ta' Mejju 2004 kien sar *meeting* bejn id-diretturi tas-socjetajiet kontendenti u hija kienet prezenti u dan kien sar proprju sabiex jigi diskuss l-istatment esebit mis-socjeta attrici a fol. 13 ta' l-atti mibghut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.  Qalet li f'din il-laqgha kien sar qbil bejn dawk prezenti li l-ammont imsemmi fl-*istatement* u cioe l-ammont ta' LM3,564 kellu jigi imhallas mis-socjeta konvenuta.  Kien gie ukoll miftiehem li kellha issir indagni ulterjuri dwar l-pendenza li kellhom zewg kumpaniji ohra sussidarji tas-socjeta konvenuta u cioe s-socjetajiet EGT u PGT mas-socjeta attrici.   Hija esibiet l-korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjetajiet kontendenti dwar din il-laqgha, liema korrispondenza giet immarkata bhala dokument RD 9 sa dokument RD 12.

Nhar is-sittax ta' Mejju l-istess **Rose Desira** xehdet in kontr' ezami u kkonfermat li mis-sena 2002 'l quddiem id-debitu li kellha is-socjeta konvenuta maghhom kien fl-ammont ta' tlett elef hames mira erbgha u sittin lira u tlettin centezmu Maltin (LM3564.30).  Ikkonfermat ukoll li is-sur Borg lli kien Direttur tas-socjeta konvenuta kien qabel li dan id-debitu kien dovut lilhom u mhux minnu li f'inkontru li kien hemm kienu tkellmu fuq xi pendenzi ohra.

Illi nhar il-hmistax ta' Gunju 2007 l-istess Rose Borg regghet xehdet u spjegat li fis-sena 2002 huwa minnu li s-socjeta konvenuta kienet giet iccargjata *premiums* ghola milli fis-sena 2003, pero ikkonfermat li dan sar ghaliex kien sar xi *adjustments fis-sum insured*.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Mejju 2002 is-socjeta attrici pprezentat kopja ta’ ittra ufficjali datata tlieta ta’ Settembru 2004 bin-notifika relattiva li saret fid-disgha ta’ Settembru 2004 u li giet markata bhala dokument RD 13.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba mis-socjeta attrici versu is-socjeta konvenuta ghall-hlas ta’ *premium* u boll minnha dovuti fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga minnha fuq ordni ta’ l-istess socjeta konvenuta.

Huwa principju pacifiku li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah, li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova li hu jista’ jaghmel b’kull mezz billi l-produzzjoni ta’ ricevuta mhiex indispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti (Ara decizjoni fl-ismijiet “**Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli noe**” Appell Kummercjali, 26 ta’ Jannar 1976.) Illi dan kollu gie rifless ukoll fis-sentenza fl-ismijiet “**Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace**” deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta’ Mejju 2004. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz. Dan ghaliex kif jinsab ritenut ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta’ ricevuta. [Ara “**John Cini vs Rita Camilleri**” Appell Kummercjali, 28 ta’ Lulju 1982 u “**Ian Abela Fitzpatrick et vs Web Trading Ltd**” deciza nhar l-24 ta’ Novembru 2003 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)].

Illi s-socjeta konvenuta mhiex qed teccepixxi l-pagament izda li l-ammont dovut minnha huwa hafna inqas u cioe dak ta’ LM1918.87, u mhux dak mitlub.

Is-socjeta attrici ressqet bhala xhud taghha principali lil Rose Desira li tahdem fl-Accounts Department tas-socjeta attrici. Hija kkonfermat ghal darba darbtejn li l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta kien dak mitlub fl-avviz u kkonfermat ukoll li d-Direttur tas-socjeta konvenuta John Borg kien ukoll accetta li dan kien il-bilanc dovut f’laqgha li

kellhom fuq din il-pendenza. Illi hija esebiet diversi *invoices* markati bhala dokumenti RD 2 sa RD 7 li ilkoll flimkien jammontaw ghall-ammont mitlub u indikat fl-istatement tal-*account* esebit a fol. 13 tal-atti dokument RD 1. Hija cahdet dak li gie allegat mis-socjeta konvenuta li effettivament is-socjeta konvenuta kellha xi *claim* mas-socjeta attrici u seta kien hemm *offset*.

Is-socjeta konvenuta ressqet lil Karen Aquilina tixhed sabiex tikkonferma it-tezi konvenuta. Qalet li hija ukoll tahdem fid-dipartiment tal-*Accounts* u li in effetti tigi bint id-Direttur illum mibki John Borg. Qalet li verament is-socjeta konvenuta kellha *claim* mas-socjeta attrici fl-ammont ta' LM1645 pero passi gudizzjarji qatt ma hadu fil-konfront ta' din is-socjeta attrici sabiex jigi deciz jekk verament kienux dovuti tali flejjes lilha. Qalet li kull darba s-socjeta attrici talbitha xi hlas hija kienet dejjem thalli dan l-ammont ta' flus inpregudikat bl-intendiment li jigi imnaqqas minn dak dovut pero effettivament qatt ma gie ghaliex is-socjeta attrici dejjem talbet il-hlas totali ta' dak li kien dovut lilha. Fil-fatt tghid ukoll li huma ma hallsux dan l-ammont mitlub peress li fil-fehma taghhom ghandhom jiehdu ukoll minghand is-socjeta attrici. Qatt ma pro cahdet li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ma kienx dovut fis-sens li ma jirrispekkjax *premiums* u boll verament imhallsa mis-socjeta attrici ghan-nom taghhom.

Illi ghalhekk a bazi ta din ix-xhieda m'hemmx dubbju li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut mis-socjeta konvenuta meta infethet il-kawza odjerna.

Illi sussegwentement is-socjeta konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan ghal dak li jirrigwarda is-somma ta' LM1645.

Illi l-artikolu 2156(f) jiddisponi s-segwenti:-

"l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni fl-eghluq ta hames snin:

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-

kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

M'hemmx dubbju li n-natura tal-oggett li tieghu qed jintalab il-hlas huwa dak naxxenti minn operazzjoni kummercjali u ghalhekk zgur huwa preskribibbli bl-eghluq ta' hames snin. Issa id-debitu dovut ilu hekk dovut permezz ta' sitt *invoices* mill-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2002 sal-ewwel ta' April 2004. Jirrizulta ukoll mill-atti li is-socjeta attrici pprezentat ittra ufficjali fil-konfront tas-socjeta konvenuta ghall-ammont imsemmi fl-avviz nhar it-tlieta ta' Settembru 2004 u din giet notifikata lill-istess socjeta konvenuta nhar id-disgha ta' Settembru 2004. Illi l-ebda wahda minn dawn l-*invoices* ma hija ghall-ammont li is-socjeta konvenuta qed tghid li hija preskritta. Illi ghalhekk jirrizulta zgur li ma lahqux ghaddew il-hames snin imsemmija fil-ligi, biex din l-azzjoni attrici tista tigi dikjarata preskritta.

Illi in oltre id-debitu ta-socjeta konvenuta gie ukoll rikonoxxut minnha tramite ix-xhud Karen Aquilina u ghalhekk anke kieku l-azzjoni kienet preskritta kien ikun hemm rinunzja.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, filwaqt li tilqa t-talba attrici u dan billi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma mitluba fl-avviz u cioe fl-ammont ta' tlett elef hames mira erbgha u sittin lira u tletin centezmu Maltin (LM3564.30).**

**Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------